MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tal-15 ta' Lulju, 2004

Talba Numru. 545/2003

**Untours Insurance Agents Limited ghal Qatar Insurance Company kif surrogati fid-drittijiet ta' Anthony Agius u l-istess Anthony Agius**

**Vs**

**Clifton Carl Barbara**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li permezz tieghu l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf mija u hamsa u disghin lira Maltin u erbgha u tmenin centezmu (Lm1,195.84c) rapprezentanti danni subiti fil-vettura NEV 248 ta' l-attur Anthony Agius f'kollizjoni ma' vettura JBB 747 misjuqa mill-konvenut liema ncident sehh il-Fgura fit-8 ta' Settembru, 2001.

Ra r-Risposta tal-konvenut li fiha eccepixxa illi l-kollizjoni in kwistjoni ma saritx tort ta' l-eccipjenti izda tort tas-sewwieq ta' NEV 248 cjoe' Neville Agius minhabba

traskuragni, negligenza u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku.

Sema’ x-xhieda ta’ PS 1439 John Tabone u ra l-verbal tal-4 ta’ Marzu, 2004 li bih il-konvenut jiddikjara li l-*quantum* tad-danni mhux qed jigu kkontestati.

Sema’ x-xhieda ta’ Neville Agius u ta’ Margon Vassallo, kif ukoll ix-xhieda ta’ Clifton Carl Barbara.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidra**

Illi din il-kollizjoni sehhet fi Vjal Kottoner, il-Fgura.

Il-konvenut kien qed isuq il-vettura JBB 747 fi Vjal Kottoner bl-intenzjoni li jibqa’ miexi fid-dritt.

Neville Agius li kien qed isuq il-karozza ta’ l-attur xehed illi huwa hareg minn Triq Mondion, qasam b’mod dijagonali Vjal Kottoner bl-intenzjoni li jipparkja f’pozizzjoni *fishbone* faccata ta’ l-istess Vjal Kottoner pero’ aktar l-isfel. Hekk kif Agius kien qieghed jespleta din il-manuvra, tfaccat il-karozza tal-konvenut, laqtitu minn wara, dawritu 180$^{o}$ u waqt li kien qieghed idur, il-karozza ta’ l-attur laqtet vettura pparkjata fi Vjal Kottoner.

Fl-ewwel lok it-Tribunal jirrileva illi hemm diskrepanza qawwija bejn ix-xhieda li ta l-konvenut f’din il-kawza u d-dikjarazzjoni li l-istess konvenut ghamel mal-pulizija meta sehh l-incident. Hekk per ezempju, meta l-konvenut tkellem mas-surgent, huwa qal illi kien ra l-vettura ta’ l-attur hierga minn Triq Mondion u li din qasmitlu ghall-gharrieda u b’hekk sehhet il-kollizjoni. F’din il-kawza l-konvenut xehed li huwa kien ra l-vettura ta’ l-attur ferm qabel u kienet gejja f’direzzjoni opposta ghalih u li f’daqqa wahda din kisret ghal quddiemu. Huwa l-ewwel qal li harget minn Triq Mondion u meta gie rinfaccat mit-Tribunal li dan ma setghax ikun ghaliex Triq Mondion qieghda aktar ‘il fuq minn fejn sehh l-incident, qal illi forsi kien hareg minn triq ohra u mhux minn Triq Mondion.

It-Tribunal jidhirlu illi f'dan ir-rigward il-konvenut ma kienx vero simili meta xehed viva voce u li fil-fatt il-probabbilta' u dak li jirrizulta f'dawn il-proceduri huwa li l-Neville Agius hareg minn Triq Mondion u kien qed jaqsam Vjal Kottoner b'mod dijagonali bl-intenzjoni li jipparkja faccata. Gie allegat ukoll illi l-konvenut kien ghaddej bi speed qawwi tant illi halla tmintax-il metru brakemark, laqat il-vettura ta' l-attur, dawwarha 180$^{o}$ biex imbaghad din laqtet vettura ohra. Dan certament huwa ndikattiv ta' speed.

Stabbilit il-premess jibqa' biex jigi konsiderat x'kienet il-kawza prossima tal-kollizjoni. Agius li kien hiereg minn *side-road* bl-intenzjoni li jaqsam zewg karreggjati tat-triq u jipparkja faccata ta' fejn kien, kellu oneru qawwi biex qabel ma johrog jesplora sew it-triq u wara li johrog jaccerta illi jista' jaghmel tali manuvra minghajr ma johloq xkiel lit-traffiku li jkun ghaddej fit-triq principali. Huwa evidenti li galadarba Agius ma rax il-vettura tal-konvenut qabel ma sehh l-incident, li ma esplorax it-triq sew u li ma zammx *a proper lookout*. Meta hareg ghal fuq it-triq principali certament ma qaghadx attent bizzejjed ghat-traffiku fuq Vjal Kottoner. Dan il-fattur kien il-fattur principali ghalkemm mhux uniku ghaliex sehh l-incident.

It-Tribunal pero' ma jistax jinjora l-fatt illi l-konvenut probabbilment ma kienx qed izomm *a proper lookout* tant illi fix-xhieda tieghu huwa deher imhawwad ezattament dwar kif sehh l-incident. L-ewwel ighid li ra l-karozza tal-konvenut ferm qabel gejja fid-direzzjoni opposta, izda a tempo vergine l-verzjoni tieghu kienet tghid differenti. Inoltre, t-Tribunal ma jistax jinjora t-tmintax-il metru brakemark u l-entita' tad-daqqa u ghalhekk ihoss illi l-fatt li kien ghaddej b'certu speed ma jistax jigi njorat. Huwa kien qed isuq f'ambjent residenzjali fejn hemm hafna *side-roads* u ghalhekk kien indikat li jsuq aktar bil-galbu. L-ispeed li kien ghaddej bih il-konvenut rifless mill-brakemark u mill-entita' tad-daqqa jindikaw li dan kien eccessiv u kieku kien qed isuq bi speed aktar prudenti, jew il-kollizjoni ma kienetx issir jew, kieku saret xorta, l-entita' tad-danni kienu jkunu ta' portata minuri. Is-sewqan

tal-konvenut ikkontribwixxa ghall-kollizjoni pero’ mhux fl-istess grad ta’ Agius.

Fic-cirkostanzi tal-kaz it-Tribunal jidhirlu illi r-responsabbilta’ ta’ l-incident ghandha tkun allokata kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghal Neville Agius u terz (1/3) ghall-konvenut u konsegwentement it-talba ta’ l-atturi ghandha tigi akkolta f’sehem ta’ terz (1/3). Il-quantum tad-danni ma gewx kontestati.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta’ u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni sehhet parzjalment tort tal-konvenut f’sehem ta’ terz (1/3) u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma arrotondita ta’ erba’ mitt lira Maltin (Lm400) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez jinqasmu kwantu ghal zewg terzi (2/3) ghall-atturi u terz (1/3) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------